**7 ta' April, 1998**

**Imhallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Aldo Portelli

*versus*

Carmel u Carmen Delia

**Appell - Appell minn Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati - Punt ta' Dritt - Artikolu 228 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**

*Appell iddikjarat inammissibbli għaliex il-valur ma kienx jeċċedi l-Lm200 u ma kien jinvolvi ebda punt ta' dritt.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-3 ta' Frar, 1997, liema sentenza taqra kif ġej:

"Il-Qorti:-

Rat is-sentenza għall-kundanna tal-konvenuti biex:

Iħallsu lill-attur is-somma ta' mija u sbatax-il lira u disgħin ċenteżmu (Lm117.90), rapprezentanti spejjeż magħmulin fil-partijiet komuni tal-blokk ta' appartamenti Qui-Si-Sana Court, fi Trejqet Qui-Si-Sana, tas-Sliema u arretrati ta' kontribuzzjonijiet minnhom dovuti lill-assoċjazzjoni tas-sidien ta' l-imsemmija appartamenti;

Bl-ispejjeż, inklużi dik ta' l-ittra legali tat-12 ta' Jannar, 1996 u dik uffiċjali ta' l-14 ta' Mejju, 1996 u bl-imgħax skond

il-liġi kontra l-konvenuti minn issa nġunti għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

Illi l-attur ma ppreżenta ebda *dokument biex jipprova* jiġġustifika l-pretenzjoni tiegħu, kif wieħed jistenna li għamel;

L-eċċipjenti fil-fatt m'għandhom jagħtu xejn u għalhekk it-talba ta' l-attur jisthoqqilha li tiġi respinta;

Salv eċċezzjonijiet oħrajn;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet il-provi;

Ikkunsidrat illi:

L-attur qiegħed jitlob mingħand il-konvenuti s-somma ta' mija u sbatax-il lira Maltija u disgħin ċenteżmi (Lm117.90) bħala sehemhom minn spejjeż li huwa nkorra a benefiċċju ta' sidien ta' partijiet komuni ta' appartamenti. Huwa ppreżenta *statement* u riċevuti li jikkorroboraw tali *statement*;

Il-konvenuti ukoll ippreżentaw *statement* u diversi dokumenti. Wara li l-Qorti eżaminat l-*affidavits* tal-konvenuti u ta' Renald Micallef kif ukoll l-i*statement* u dokumenti minnhom esebiti, waslet għall-konklużjoni li, apparti retorika żejda da parti tagħhom ma rnexxilhomx jippruvaw li m'għandhom jagħtu xejn lill-attur. Anzi jirriżulta li qegħdin jammettu li għandhom jagħtu xi ħaġa. Inoltre, il-Qorti hi tal-fehma li l-kummenti tagħhom dwar *illegal acts* huma infondati peress li m'hemmx dubbju li l-pagamenti saru mill-attur, filwaqt li dwar l-

*unacceptable bills*, l-asserzjoni tal-konvenuti li r-ridekorazzjoni, ix-xiri ta' twapet (irrilevanti jekk mingħand Forestals jew Bartoli) u l-*istationery* huma *personal expenses*, hija gratuwita, filwaqt li dwar l-*Emergenzamatic Gadget repair*, ma tawx spjegazzjoni ċara ta' xi jridu jfissru bil-kumment tagħhom li *not related to proper lift*;

Għalhekk il-Qorti m'għandha l-ebda dubbju li l-ammont mitlub għandu jitħallas fl-intier mill-konvenuti;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba attriċi. Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenut";

Minn dik is-sentenza appellaw il-konvenuti permezz ta' rikors ta' l-appell ippreżentat fid-19 ta' Frar, 1997, li bih talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Għal dan l-appell ġiet ippreżentata risposta fit-12 ta' Marzu, 1997 fejn *inter alia* ġiet issollevata *eċċezzjoni* preliminari fit-termini ta' l-artikolu 228 (2) tal-Kap. 12. Dan is-sub-artikolu u ċjoè s-sub-artikolu 2 ta' l-artikolu 228 tal-Kap. 12 jillimita d-dritt ta' appell f'każijiet fejn il-meritu ma jkunx jiskorri l-mitejn lira (Lm200) għal dawk iċ-ċirkostanzi fejn ikun hemm il-punt ta' liġi maqtugħ fis-sentenza jew inkella d-deċiżjoni tkun dwar talba għall-iżgumbrament ta' xi ħadd minn proprjetà immobbli. Jirriżulta li f'dan il-każ ċertament non si tratta ta' talba għall-iżgumbrament ta' xi ħadd minn proprjetà immobbli, ċertament ukoll il-meritu ma jiskorrix il-mitejn lira (Lm200). Għalhekk dak li jrid jiġi eżaminat minn din il-Qorti huwa limitat biss dwar jekk l-appell huwiex dwar punt ta' liġi maqtugħ fis-sentenza jew le;

Din il-Qorti eżaminat ir-rikors twil ta' l-appell u essenzjalment ma tara xejn fih li jista' jinduċiha, anke għall-mument wieħed biss, tikkonkludi illi dan l-appell jinvolvi kwistjoni ta' punt ta' liġi maqtugħ fis-sentenza appellata. Essenzjalment, l-appell kollu hu bbażat fuq kwistjoni ta' kredibilità u b'referenza partikolari għal diversi aspetti fattwali tal-kawża b'diversi argumenti li minnhom infushom ukoll neqsin mill-vesti legali. Fi kwalunkwe każ però ċertament ma jittrattawx dwar punt ta' liġi maqtugħ fis-sentenza appellata;

Għalhekk l-eċċezzjoni preliminari ssollevata mill-attur appellat timmerita li tiġi akkolta;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni u konsegwentement tiddikjara l-irritwalità ta' dan l-appell fit-termini ta' l-artikolu 228 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, *billi ma jirrigwardax kwistjoni ta' liġi* deċiża fis-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell ikunu a kariku ta' l-istess appellanti.

---